MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2011

Citazzjoni Numru. 1000/2011

**Public Broadcasting Services Limited**
**(C - 13140)**

**vs**

**Network Publications Limited**
**(C – 21054)**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` rikorrenti fuq indikata datata t-13 t'Ottubru, 2011, li permezz tieghu, wara li ppremettiet li s-socjeta` ntimata hi debitrici lejha fl-ammont ta' ghoxrin elf, hames mija u tmienja u tmenin Ewro, u hamsa u sebghin centezmu, (€ 20,588.75), talbet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` ntimata Network Publications Limited tigi kkundannata thallas is-somma ndikata fil-paragrafu precedenti lill-istess socjeta` rikorrenti Public

Broadcasting Services Limited, u dan, rapprezentanti bilanc minn somma akbar ghall-servizzi ta’ reklamar, xandir u provvisti ohra lilha rezi minnha;

2. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru bin-numru 1365/2011, u bl-imghax dekorribbli mid-data tal-fatturi relattivi sad-data tal-pagament effettiv;

3. U dan, bid-dispensa tas-smiegh a tenur tal-artikolu 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-avviz tas-smiegh datat l-20 t’Ottubru, 2011;

Rat in-nota tas-socjeta` rikorrenti datata l-10 ta’ Novembru, 2011, li permezz taghha gabet is-segwenti a konjizzjoni taghha:

i. Illi rriduciet it-talba taghha ghal hmistax –il elf u tmien mitt Ewro, (€15,800.00);

ii. Illi s-socjeta` ntimata taghmel pagament ta’ hamest elef Ewro, (€5,000.00), akkont kif postulat fil-paragrafu numru iii tan-nota msemmija;

iii. Illi l-istess socjeta` ntimata nghatat il-beneficcju tad-dilazzjoni tal-pagament fir-rigward tal-bilanc rimanenti, purche` l-ammont li jibqa’ dovut jithallas sad-9 ta’ Dicembru, 2011;

iv. Illi s-socjeta` ntimata thallas l-ispejjez tal-kawza;

Rat in-nota tas-socjeta` ntimata Network Publications Limited datata l-10 ta’ Novembru, 2011, li permezz taghha s-socjeta` ntimata ammettiet it-talba kif ridotta;

Ghaldaqstant, in vista tal-premess, din il-qorti tieghu konjizzjoni tal-ammissjoni fuq indikata u konsegwentement:

1. Tiddikjara li in vista tan-nota ta' riduzzjoni fuq inidkata s-socjeta` ntimata Network Publications Limited ghandha taghti s-somma ta' hmistax –il elf u tmien mitt Ewro, (€15,800.00), lis-socjeta` rikorrenti Public Broadcasting Services Limited;

2. Tikkundanna lill-istess socjeta` ntimata biex thallas l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti lis-socjeta` rikorrenti fuq indikata;

3. Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 1365/2011 u bl-imghaxijiet legali dovuti dekorribbli mid-data tal-fatturi relettivi sad-data tal-pagament effettiv.

___________________________

Onor. Imhallef Silvio Meli LL.D.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------